



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13043/18
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0346(NLE)

COEST 195
WTO 258

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Ottubru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 672 final
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 672 final.

Mehmuż: COM(2018) 672 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2018
COM(2018) 672 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta'
Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit permezz tal-Ftehim ta'
Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-
Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra**

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU .../2018 TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-UKRAJNA FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ta'

dwar l-istabbiliment tal-lista ta' arbitri msemmija fl-Artikolu 323(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u l-Ukrajna, fuq in-naħa l-oħra

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u l-Ukrajna, fuq in-naħa l-oħra¹, iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2014 ('il-Ftehim'), u b'mod partikolari l-Artikoli 323(1), u 465(3) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 323(1) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandu, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri.
- (2) L-Unjoni pproponiet ħames arbitri kandidati. L-Ukrajna pproponiet erba' individwi li huma lesti u li huma kapaċi jservu bħala arbitri. L-Ukrajna u l-Unjoni qablu fuq ħames ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jservu bħala presidenti ta' bord tal-arbitraġġ.
- (3) Biex jiġi evitat aktar dewmien fit-twaqqif tal-lista ta' individwi li huma lesti u li huma kapaċi jservu bħala arbitri u b'hekk jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Ftehim u b'mod partikolari tal-Kapitolu 14 tat-Titolu IV tiegħu, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandu japprova dik il-lista fuq il-bażi tal-proposti mressqa.
- (4) L-Ukrajna għandha tipproponi l-ħames kandidat lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ mill-aktar fis possibbli.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-listi tal-individwi li huma lesti u li jistgħu jservu ta' arbitri skont l-Artikolu 323(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra, huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-Ukrajna għandha tipproponi lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, malajr kemm jista' jkun, il-ħames kandidat li huwa lest u li huwa kapaċi jservi ta' arbitru.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni
fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ*

Il-President

¹ ĠU EU L 161, 29.5.2014, p.3.

ANNESS

**IL-LISTA TAL-ARBITRI
SKONT L-ARTIKOLU 323(1) TAL-FTEHIM**

L-arbitri proposti mill-Unjoni Ewropea:

1. Claus-Dieter EHLERMANN
2. Giorgio SAĊERDOTI
3. Jacques BOURGEOIS
4. Pieter Jan KUIJPER
5. Ramon TORRENT

L-arbitri proposti mill-Ukrajna:

1. Serhiy HRYSHKO
2. Taras KACHKA
3. Victor MURAVYOV
4. Yuriy RUDYUK

Il-Presidenti magħżula mill-Partijiet:

1. William DAVEY (L-Istati Uniti)
2. Helge SELAND (In-Norveġja)
3. Maryse Robert (Il-Kanada)
4. Christian HÄBERLI (L-Iżvizzera)
5. Merit JANOW (L-Istati Uniti)